MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 3515/1996/1

Kawza fil-lista: 42

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta’ Ottubru 1979 (Dok. A).

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut.

Peress illi miz-zwieg twieldu tlitt itfal, ossia E ta' sittax-il sena, F ta' hmistax-il sena u G ta' hames snin li ghadhom minuri.

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali skond Digriet tas-Sekond Awla ta' l-20 ta' Dicembru 1994, liema digriet gie estiz b' rikors iehor appozitu tat-3 ta' Lulju 1996, kopja ta' liema rikorsi jinsabu esebiti bhala Dok. B u Dok. B1.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti.

2. Takkordalha l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmmija.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomG okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi z-zwieg tal-partijiet kontendenti tfarrak irrimedjabilment billi tul perjodu ta' snin l-attrici kkomportat ruhha versu l-eccipjent bl-aktar mod irrazzjonali u abbusiv. L-attrici hija hatja wkoll ta' adulterju.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenjzonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.133 sa 135 [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.136 [Appendici B];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri li bija l-konvenut eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li fil-mori tal-kawza, permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-28 ta' Settembru 2001 ikkonfermata b' digriet ta' ratifika ta' l-istess Tribunal Regjonali tat-Tieni Stanza fis-6 ta' Marzu 2002, iz-zwieg kattoliku tal-partijiet celebrat fil-Knisja ta' Sant' Antnin, Ghajn Dwieli, Paola, Malta, gie dikjarat null.

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Frar fl-ismijiet D C vs A B Pace (Rikors Nru. 7/04Z), il-Qorti ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-decizjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Regjonali.

Illi ghalkemm m' hemmx lok li jitkomplew il-proceduri ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

Rat ir-rapport tal-perit legali L-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debitament mahluf;[1]

Rat is-sentenzi tat-tribunali ekklesjastici,[2] u r-registrazzjoni taghhom mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili permezz ta' digriet moghti fl-14 ta' Frar 2005;[3]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati, u n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Vol.3 fols.731 *et seq.*
[2] Vol.3 fols. 428 *et seq.*
[3] Vol.3 fols. 725 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni u l-kontro talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet attribwibbli lil xulxin. L-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq id-disposti ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-konvenut qed jibbaza t-talba tieghu fuq id-dispost ta' l-artikoli 38 u 40 – tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Talbu wkoll, li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Ottubru 1979, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal, E, F u G, li twieldu rispettivament fit-30 Mejju 1980, fis-6 Gunju 1981 u G fl-4 Settembru 1991, u li ghalhekk illum huma maggjorenni.

Illi il-partijiet isseparaw de facto; u fl-14 Frar 2005 gew debitament registrati s-sentenzi moghtija mit-tribunali ekklesjastici li permezz taghhom giet stabbilit in-nullita' taz-zwieg bejn il-kontendenti, ghar-raguni li, tenut kont tal-komportament aggressiv u vjolent tal-konvenut, dan kien inkapaci li jassumi u jezegwixxi obbligazzjonijiet maritali rizultat ta' "a very strong and disordered Compulsivity[Puritanical compulsivity]."[4]

Ghalhekk, minn dawn is-sentenzi li llum ghandhom effetti civili, jirrizulta li l-konvivenza matrimonjali kienet wahda difficli ghall-attrici. Din eventwalment biex dahlet f' relazzjoni "personali" u extra matrimonjali ma' terza persuna kif ammess minnha stess fix-xhieda moghtija minnha fis-7 Mejju 1999[5]

Illi l-Qorti, wara li ezamGt il-provi relattivi, hija tal-fehema li l-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghall-attrici minhabba l-komportament abbuziv da parti ta'

[4] Vol.2 fol.445
[5] Vol.3 fol.764 para.110

zewgha, il-konvenut, fil-konfront taghha u fil-konfront ta' uliedhom; izda z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, primarjament minhabba dan l-agir tal-konvenut, u sekondarjament minhabba r-relazzjoni adulteruza da parti ta' l-attirici.

Il-premess ghandu rilevanza in kwantu z-zewg partijiet qed jitlobu fil-konfront ta' xulxin id-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 tal-Kap. precitat; u din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 52 hija tal-fehema li ghandha tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dekadenza kontemplata fl-imsemmi artikolu 48, sub inciz 1, paragrafi [a] u [d].

**Manteniment**

Illi in propozitu l-Qorti tikkondividi l-kostatazzjonijiet maghmula, u konkluzjonijiet raggjunti, mill-perit legali fil-paragrafi 106 sal 116, a fols.763 sa 767 [Appendici C], salv ghal dak li jirrigwarda l-manteiment ghat-tifla G, li llum, hi maggjorenni.

Konformament, il-Qorti tordna li l-konvenut, mis-sehem tieghu tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jhallas lill-attrici manteniment arretrat ghat-tlett uliedhom mill-ahhar ta' April 1999 sa l-ahhar ta' Jannar 2009, bir-rata settimanali ta' €46.6 [LM20] – b' kollox €23,113.6 [LM 9,920].[6]

Wara s-sentenza tallum mhux dovut manteniment aktar ghat-tfal, stante li dawn illum huma maggjorenni.

Inoltre, ma hu dovut ebda manteniment lill-attrici in vista ta' dak stabbilit fis-sezzjoni precedenti.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Jidher li l-kritika tal-konvenut ghar-rapport tal-perit legali hija fis-sens li in forza tad-dikjarazzjoni da parti tat-tribunali ekklesjastici tan-nullita' taz-zwieg, moghtija effetti civili in forza ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 Frar 2005, il-konvenut jissottometti li "dan kollu jfisser illi l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn il-partijiet ma baqghetx fis-sehh, u ghalhekk dak kollu

[6] 496 wks x LM20

li akkwista l-esponent in konnessjoni man-negozju tieghu ghandu jkun prezunt li huwa tieghu."[7]

Illi l-ahhar parti tal-paragrafu precedenti jista' jkollha validita' legali kemm-il darba l-konvenut qed jirreferi ghall-perijodu ta' wara l-14 ta' Frar 2005, stante li minn dak in-nhar 'il quddiem ma baqax jeziti r-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet.

Mill-banda l-ohra, din it-tezi tal-konvenut, in kwantu referibbli ghaz-zmien precedenti l-imsemmija data, u li dak kollu li akkwista l-konvenut in konnessjoni man-negozju tieghu huwa "prezunt li huwa tieghu" hija gratuwita u m' ghandhiex validita' legali fil-kaz in dizamG.

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet guridici dettaljati, u l-konkluzjoni raggjunta minnha, fis-sentenza fl-ismijiet "ARose Tabone vs Anthony Stellini" [Cit.2613/98NC] deciza fil-31 Jannar 2008, fejn b' referenza ghall-artikolu 20 tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, osservat li l-ligi tipprovdi ghall-komunjoni ta' l-akkwista putattiva, jew fil-konfront taz-zewg partijiet meta dawn ikunu in buona fede, kemm fil-konfront ta' parti li tkun hi biss in buona fede.

Illi fil-kaz in dizamG, tenut kont li l-attrici ma kellha ebda responsabbilita' ghan-nullita' taz-zwieg, allura, in forza tas-sub inciz [3] ta' l-artikolu 20 ta' l-imsemmi Kap. ghandu jitqies li favur taghha kienet tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti mid-data taz-zwieg, sad-data li d-dikjarazzjoni ta' l-annullament inghatat effetti civili.

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghal-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg tal-partijiet.

F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-paragrafi 117 sa 125 tar-relazzjoni,[8]tal-perit legali.

---

[7] Vol.4 fol.795
[8] Vol.3 fols.768 sa 771

Mill-provi jirrizulta li hemm is-segwenti assi x' jigu likwidati u assenjati:

[1] Il-fond "<indirizz>;
[2] Il-mobbli fl-istess fond;
[3] Ghodda u makkinarju mixtrija mill-konvenut waqt iz-zwieg;
[4] Van numru SBF 586;
[5] Vettura Ford Escort;
[6] Ishma fis-socjetajiet kummercjali bl-isem Gino's Engineering Ltd u MGM Manufacturers.

L-attrici u t-tfal jghidu li l-konvenut kien jaqla' hafna izjed flus milli kien jiddikjara, u ghandu somom sostanzjali nvestiti f' banek barra minn Malta; izda kif korrettament sottomess mill-perit legali, ma ngabux provi sodisfacenti f' dan ir-rigward.

Hemm passiv ta' circa LM3,000 mal-Maltacom, u dejn rigwardanti n-negozju, li skond il-konvenut jammonta ghal nofs is-somma mislufa mill-Bank ta' LM5,000.

Il-Qorti tosserva li, ma tressqux provi biex jigi stabbilit il-valur tallum ta' l-ismha, tal-konvenut fis-socjetajiet fuq indikati, kif lanqas ma nghataw valuri tal-ghalqa li l-partijiet ghandhom imqabbla gewwa H' Attard. Hemm ukoll dizgwid dwar il-konsistenza tal-assi rapprezentanti l-makkGrju li ghandu l-konvenut.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni:

**[1]** Illi l-fond fuq indikat jinbigh fi zmien sena, fis-suq hieles ghall-prezz konkordat bejn il-partijiet, ta' mhux anqas minn €209,700 [LM90,000]; u fin-nuqqas, jinbigh bis-subbasta bl-istess kondizzjoni.

**[2]** Illi l-istess japplika ghall-mobbli kollha li l-partijiet ghandhom fl-imsemmi fond, u li dawn ghandhom jinbighu bl-istess mod.

Illi wara li jinbigh l-imsemmi fond, ir-rikavat, wara li jigi sodisfatt id-dejn dovut lil Maltacom u d-dejn mal-banek, dovuti sal-14 Frar 2005, jinqasam f’ zewg porzjonijiet ugwali, sabiex porzjon tinghata lill-attrici u porzjoni tinghata lill-konvenut.

Illi mis-sehem tal-konvenut, u qabel ma dan jinghata lilu, ghandhom jitnaqqsu s-segwenti ammonti jew valuri biex jinghataw lill-attrici:

[a] l-arretrat ta’ manteniment fl-ammont komplessiv ta’ €23,113.6 [LM 9,920];
[b] nofs il-valur ta’ l-ghalqa mqabbli lill-partijiet gewwa H’ Attard;
[c] nofs il-valur ta’ l-ishma tal-konvenut fis-socjetajiet fuq indikati;
[d] nofs il-valur tal-ghodda u makkGrju li kienu nxtraw mill-konvenut sal-14 Frar 2005;

Illi, f’ kaz li l-partijiet ma jaqblux fuq il-valur tal-assi ndikati fil-partiti [b][c] u [d]; il-Qorti tinnomG, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, lill-Perit Mario Cassar biex jaghmel l-istimi relattivi ghall-parititi [b] u [d]; filwaqt li tinnomG bhala perit komputista lill-Lawrence Camilleri, ukoll ghas-spejjez taz-zewg partijiet, biex jaghmel stima tal-assi ndikat fil-partita [c].

**[3]** tassenja lill-konvenut sehem l-attrici mill-ghalqa f’ H’ Attard, u mill-van SBF 586, b’ mod li dan ikollu l-proprjeta’ intiera ta’ l-istess;

**[4]** tassenja lill-attrici bl-istess mod, sehem il-konvenut mill-vettura Ford Escort;

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba, stante d-dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li ulied-il partijiet illum huma maggjorenni;

[3] tilqa' in parte t-tielet talba, limitatament ghall-manteniment arretrat dovut mill-konvenut, kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; u tichadha ghall-kumplament;

[4] tilqa' in parte ir-raba' talba, limitatament billi tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, fit-termini u kif stabbilit fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
[a] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, stante d-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg;

[b] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li ulied-il partijiet illum huma maggjorenni;

[c] tilqa' it-tielet talba billi tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dipost ta' l-artikolu 48[1][a] u [d] tal-Kap. 16 kif fuq stabbilit;

[d] tilqa' in parte ir-raba' talba, limitatament billi tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, fit-termini u kif stabbilit fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.

[e] tilqa' il-hames talba.

L-ispejjez, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba, ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti ta' erba minn hamsa [4/5] mill-konvenut, u r-rimanenti kwint [1/5] mill-attrici;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------